



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Digriet tal-President tal-Qorti Ġeneral tal-14 ta' Frar 2019 – PV vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-224/18 RII)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Servizz pubbliku – Proċeduri dixxiplinari – Iffissar għal żero tas-salarju – Bdil taċ-ċirkustanzi – Inammissibbiltà – Assenza ta’ fatti ġodda”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Modifika jew revoka – Kundizzjoni – Talba għal modifika mressqa wara ċ-ċaħda tat-talba inizjali – Inammissibbiltà*

(Artikoli 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral, Artikolu 159)

(ara l-punti 24 sa 26)

2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Ċaħda tat-talba – Possibbiltà li titressaq talba ġdida – Kundizzjoni – Fatti ġodda – Kunċett*

(Artikoli 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral, Artikolu 160)

(ara l-punti 27, 40)

3. *Uffiċjali – Sistema dixxiplinari – Proċeduri dixxiplinari – Proċeduri dixxiplinari u kriminali mibdija fl-istess ħin fir-rigward tal-istess fatti – Sospensjoni tal-proċedura dixxiplinari – Applikazzjoni għall-proċeduri kriminali mibdija minn uffiċjal kontra kollega – Assenza*

(Regolamenti tal-Persunal, Anness IX, Artikolu 25)

(ara l-punt 30)

4. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-ġhoti – Fumus boni juris – Urġenza – Natura kumulattiva – Setgħa diskrezzjonal tal-Imħallef għal miżuri provviżorji – Limiti*

(Artikoli 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral, Artikolu 156)

(ara l-punti 34 sa 38)

## **Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, l-ewwel nett, tal-proċedura dixxiplinari CMS 17/025 u, it-tieni nett, tad-deċiżjoni ta' ffissar għal żero tas-salarju tar-rikorrent.

## **Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.